# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021**

**Numru 12**

**Rikors numru 50/17/1 AF**

**Raymond Sammut**

**v.**

**Il-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali u l-Avukat Generali (illum Avukat tal-Istat), u Medserv p.l.c. għal kwalunkwe interess li jista' jkollha u fil-verbal tal-14 ta' Ġunju 2018, il-Qorti ordnat li l-isem "Medserv p.l.c." għandu jiġi sostitwit bl-isem "Medserv Operations Limited"**

1. Dan huwa appell wara ilment intavolat mill-attur appellant illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 6 u/jew 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-esponenti kien impjegat mal-kumpanija appellata Medserv (li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala Mediterranean Oilfield Services Company Limited) u kien ġie mkeċċi mix-xogħol tieghu fit-28 ta' Ottubru

1987. L-appellant kien ikkontesta din it-tkeċċija quddiem it-Tribunal Industrijali iżda l-ilment tiegħu kien ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni datata 29 ta' Marzu 1989. Sussegwentement l-appellant kien ippreżenta azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), permezz ta' liema ressaq ilment dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` tat-Tribunal Industrijali minħabba li kien presedut minn Chairman wieħed li kien ex-impjegat ta' kumpanija parastatali filwaqt illi l-kawża tiegħu kienet kontra entita parastatali. Dan l-ilment kien ġie miċħud permezz ta' sentenza datata 2 ta' Ottubru 1992, liema sentenza kienet ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 1993. Fil-kawża odjerna l-attur jilmenta illi ġew leżi d-drittijiet tiegħu għaliex aktar reċentement, fil-kawża fl-ismijiet **General Workers Union v. L-Avukat Ġenerali**, deċiża fit-18 ta' Ġunju 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabet illi t-Tribunal Industrijali jonqos milli jiggarantixxi lill-partijiet li jidhru quddiemu smigħ xieraq minħabba nuqqasijiet ta' indipendenza u imparzjalita`, liema deċiżjoni kienet ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Frar 2016. L-attur għalhekk jilmenta illi kemm id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali u kif ukoll id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u din il-Qorti diversament preseduta fl-azzjonijiet intavolati minnu oriġinarjament huma leżivi tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u d-dritt tiegħu li ma jsofrix diskriminazzjoni għaliex is-sentenza msemmija tat-12 ta' Frar 2016 u l-konsegwenti emendi li saru fil-liġi

jikkonfermaw illi kellu raġun fl-ilment tiegħu dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` tat-Tribunal Industrijali.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti u cioè bis-sentenzi surreferiti jew liema minnhom gew vjolati d-drittijiet tal-esponenti ghas-smigh xieraq u ghan-nondiskriminazzjoni u dan kif protetti kemm bl-artikoli talKonvenzjoni Ewropea (Art. 6 u/jew 14 tal-Konvenzjoni Ewropea) u kif ukoll tal-Kostituzzjoni ta' Malta (senjatament l-Artikoli 39 u/jew 45) rispettivament, u konsegwentement.
>
> "2. Taghti lilu kull rimedju effettiv billi taghmel dawk lordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa ghal dan il-ksur ukoll skond artikolu 13 tal-Kovenzjoni Ewropea inkluz billi tillikwida dak il-kumpens jew 'just satisfaction' dovut lill-esponenti flimkien mal-likwidazzjoni u l-konsegwenti hlas tad-danni kollha sofferti minnu bhala konsegwenza tas-surreferit.
>
> "Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimati jew min minnhom minn issa ngunti in subizzjoni;"

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li t-tilwima kostituzzjonali li l-attur għandu mal-Gvern ta' Malta dwar il-kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali llum tinsab magħluqa definittivament b'ġudikat tal-Qorti Kostituzzjonali datat 27 ta' April 1993, li kawża kostituzzjonali ma tistax tintuża biex twaqqa' kawża kostituzzjonali oħra li tkun ġa ġiet deċiża, illi bdil fil-ġurisprudenza u fil-liġi m'għandhomx is-saħħa li jwaqqgħu sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali għaliex l-effikaċja tas-sentenza tibqa' torbot anke għas-snin wara li tingħata u sabiex ma jintilfux il-kunċetti ta' ċertezza u tal-kredibilita`, illi l-attur kellu l-jedd li jintavola kawża quddiem il-Qorti Ewropea jekk ma qabilx mas-sentenza tal-Qorti

Kostituzzjonali iżda huwa għażel li ma jinqedix b'dan ir-rimedju u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tuża s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, illi ma jeżistix dritt li l-kawżi għandhom bilfors dejjem jiġu deċiżi l-istess u li dak li huwa meħtieġ mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa biss illi fl-interess taċ-ċertezza legali qorti m'għandhiex titbiegħed minn ġurisprudenza li tkun stabbilita u affermata f'tul ta' żmien, illi m'hijiex il-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li ssewwi żbalji tal-qrati, illi fis-sentenza tal-**Generali Workers Union v. L-Avukat Ġenerali** l-Qorti Kostituzzjonali ma sabitx ksur dwar is-*security of tenure* tal-membri li jpoġġu fuq it-Tribunal Industrijali, li ma jirriżultax illi s-sentenza impunjata mill-attur kienet ħażina jew tmur kontra l-prinċipji kostituzzjonali u konvenzjonali tas-smigħ xieraq, li l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi invokat għaliex l-attur naqas milli jinkwadra l-imġieba diskriminatorja allegata minnu taħt xi waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi t-tielet sub-inċiż tal-istess artikolu, li fir-rigward tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-attur naqas milli jindika fuq liema kawżali jew *status* qiegħed huwa ġie allegatament diskriminat, li l-attur ma provda l-ebda ħjiel dwar ma min huwa allegatament ġie diskriminat, illi l-attur ma jistax iqabbel il-każ tiegħu ma' dak tal-**General Workers Union v. L-Avukat Ġenerali** għaliex iċ-ċirkostanzi u l-partijiet ma kinux l-istess u li inoltre ż-żewġ għemejjel ma sarux għall-ħabta tal-istess żminijiet u illi r-riskju ta'

sentenzi kunfliġġenti huwa dejjem hemm f'proċeduri ġudizzjarji minħabba illi f'Malta ma ssaltanx it-teorija tal-*istare decisis* u għalhekk il-fatt illi jingħataw sentenzi differenti ma jfissirx illi tkun saret diskriminazzjoni kontra xi ħadd mill-partijiet.

4. MedServ plc eċċepiet, *inter alia,* illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur kienet waħda ġusta u saret in konformita` mal-liġijiet in vigore dak iż-żmien, u illi l-attur diġa` ittenta li jattakka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Industrijali b'kawża kostituzzjonali, li kellha eżitu negattiv u liema eżitu kien ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali u kien ġie stabbilit illi l-attur kien effettivament ingħata smigħ xieraq quddiem it-Tribunal Industrijali.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Settembru 2020 ġie deċiz hekk:

> "Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:
>
> 1. "Tilqa' l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur tal-intimat Ministru tal-Ġustizzju, Kultura, u l-Gvern Lokali u tilliberah mill-osservanza tal-ġustizzju, iżda tiċħadha fil-konfront tal-kumpannija intimata;
>
> 2. "Tilqa' l-eċċezzjoni ta' res ġudikata limitatament għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xogħol bejnu u lkumpannija intimata;
>
> 3. "Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.
>
> "L-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti."

6. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Settembru 2020 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara s-sentenza appellata bħala waħda nulla skont il-liġi u tordna li l-atti jiġu rimessi lill-ewwel Qorti għal deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, jew fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad bis-sħiħ l-eċċezzjoni tar-*res judicata* u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u konsegwentement tilqa' t-talbiet attriċi u tagħti r-rimedji kollha opportuni għal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali sofferti mill-attur, inkluż billi tillikwida l-*just satisfaction* spettanti lilu, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

7. L-Avukat tal-Istat u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u l-Gvern Lokali preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fit-30 ta' Settembru 2020 u talbu li l-appell tal-attur jiġi miċhud bl-ispejjeż.

8. Medserv Operations Limited preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fis-16 ta' Ottubru 2020 permezz ta' liema ssottomettiet illi t-talbiet tal-appellant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**Ikkonsidrat;**

**It-Tieni Aggravju**

9. Peress illi dan l-aggravju jikkonċerna l-validita` tas-sentenza appellata, il-Qorti tqis illi jkun utli illi tibda billi tiddetermina t-tieni aggravju tal-appellant. L-appellant jargumenta illi s-sentenza appellata hija nulla għaliex fil-parti deċiżiva l-ewwel Qorti ma ddikjaratx liema mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kienet qed tilqa', salv għall-eċċezzjoni tar-*res judicata*. Skont l-appellant għalhekk ma tinsabx riżolta permezz tas-sentenza appellata l-kwistjoni dwar liema waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti, u għaldaqstant id-deċiżjoni appellata għandha tigi dikjarata nulla u rimessa quddiem l-ewwel Qorti sabiex jiġu effettivament deċiżi l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

10. L-Avukat tal-Istat u l-Ministru appellati jirribattu illi dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq. Jargumentaw illi d-difett indikat mill-appellant fil-parti dispożittiva tas-sentenza m'huwiex wieħed indikat fil-liġi, u li ġaladarba s-sentenza tħares il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx difetti li għalihom jeħtieġ li tittieħed il-miżura estrema tat-tħassir tas-sentenza appellata. Jargumentaw ukoll illi fi kwalunkwe każ m'huwiex meħtieġ skont il-liġi illi kull eċċezzjoni tiġi deċiża b'kap għaliha, għaliex huma biss dawk l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 730 tal-Liġijiet ta' Malta illi jeħtieġu li jiġu deċiżi b'kap separat. Isostnu illi l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqa mill-konvenut ma kinux

jeħtieġu li jiġu deċiżi b'kap separat u għalhekk kien biżżejjed illi jiġu miċħuda t-talbiet attriċi kif fil-fatt sar.

11. Is-soċjeta` appellata ma ressqet l-ebda argument fir-rigward ta' dan l-aggravju.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

12. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant li fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti ma ndikatx espressament liema mill-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti kienet qed tilqa'. Dan ma jfissirx pero`, kif jikkontendi l-appellant, illi s-sentenza appellata hija milquta' b'difett li jirrendi s-sentenza nulla. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, sentenza għandha titqies nulla biss fejn ikun jirriżulta li s-sentenza fiha nuqqas manifest ta' osservanza ta' liġi ċara. Fil-fatt, jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Conte Pietro Paolo Theuma Castellati et v. Lo Studente Salvatore Chetcuti et** deċiża fit-3 ta' Jannar 1873 illi

> "*per la dichiarazione di nullita e necessario che si tratti di una legga chiara, indubitabile e manifesta, e non soggetta ad interpretazione, e che tale legge sia stata violate patentemente e manifestamente contro il suo tenore, in modo che tale errore possa essere osservato dalla semplice lettura del testo della lege – e non gia per via di raziocini ed argomenti o per interpretazione; oltrecche richiedesi per tale nullita che un errore intollerabile sia espresso patentemente e manifestamente.*"[1]

[1] Ċitata fis-sentenza **Agricultural Co-Operative Limited v. Peter Axisa** (Appell, 28/04/2004).

13. Imbagħad, skont l-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sentenza m'hijiex nulla "…jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq." Fil-każ odjern ma jirriżultax illi l-appellant qiegħed jeċċepixxi n-nullita` tas-sentenza appellata fuq xi wahda mir-raġunijiet indikati f'dan l-artikolu u għaldaqstant din l-eċċezzjoni tista' biss tiġi milqugħa jekk jirriżulta illi s-sentenza m'hijiex ġusta fis-sustanza tagħha.

14. Kif sewwa jargumentaw l-Avukat tal-Istat u l-Ministru appellati, l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti m'humiex dawk l-eċċezzjonijiet illi għandhom tassattivament jiġu deċiżi b'kap separat, ai termini tal-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-fatt li l-eċċezzjonijiet fil-mertu ma ġewx indikati espressament mill-ewwel Qorti m'huwiex strettament nuqqas ta' osservanza ta' xi rekwiżit proċedurali. Dak li huwa meħtieġ allura fir-rigward tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti, ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa li ssir referenza għal dawn l-eċċezzjonijiet u li tingħata motivazzjoni bażika[2] mill-Qorti għad-deċizjoni tagħha. Qari tas-sentenza appellata juri

[2] **Joe Bonello v. Paul Farrugia** (Appell, 07/12/2005).

manifestament illi dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti immotivat suffiċjentement il-konklużjoni tagħha u hemm spjegazzjoni ċara tar-raġunijiet għalfejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom v. Anglu Schembri** (Appell, 16/12/2002) "…jidher ovvju li meta l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attriċi hi kienet fl-istess waqt qed tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut…" Il-Qorti ma tqisx illi n-nuqqas tal-ewwel Qorti li tindika b'mod preċiż liema mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kienet qed tilqa', fatt faċilment aċċertabbli minn qari tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, huwa wieħed li jattira l-konsegwenza estrema tan-nullita` tas-sentenza.

15. Għaldaqstant, dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

**L-Ewwel Aggravju**

16. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għal dak li jirrigwarda l-ilment tiegħu dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. L-appellant isostni illi huwa qiegħed iressaq din l-azzjoni għaliex fil-fehma tiegħu d-dritt fondamentali tiegħu għal smigh xieraq u d-dritt tiegħu li ma jiġix diskriminat ġew leżi kemm permezz tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal Industrijali datat 29 ta' Marzu 1989 u kif ukoll permezz ta' sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) datata 9 ta' Ottubru 1992 u s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 27 ta' April 1993 li kkonfermat l-ewwel sentenza, u l-fatti kif elenkati minnu jinsabu inkontestati mill-konvenuti. L-appellant ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti illi bidla fiċ-ċirkostanzi naxxenti minn bdil fil-ġurisprudenza ma tiġġustifikax li talbiet ġia deċiżi permezz ta' sentenza finali jiġu riproposti. Jargumenta illi għalkemm huwa minnu li l-prinċipju ta' *res judicata* huwa wieħed ta' ordni pubbliku u li jsib l-għerq tiegħu fl-istat tad-dritt, ma jista' jkun hemm l-ebda stat ta' dritt effettiv jekk il-prinċipju tal-ġudikat jintuża sabiex jiġi sanċit u approvat il-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Isostni illi l-kunflitt ċar bejn is-sentenza kif deċiża fil-konfront tiegħu u s-sentenza kif deċiża fil-konfront ta' terzi żgur għandha twassal sabiex ma jitħalliex li jkun hemm ostakolu għar-rimedju kostituzzjonali għaliex id-drittijiet fondamentali jitwieldu u huma naturali għall-bniedem irrispettivament mill-iżvilupp tal-każistika u t-trapass taż-żmien. Għaldaqstant skont l-appellant ma jistax jiġi ttollerat ksur ta' drittijiet fondamentali għaliex bniedem ikun diġa` ressaq lanjanza quddiem il-Qorti meta jirriżulta illi huwa tassew kellu raġun fil-mertu u għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuti kellha tiġi miċħuda *in toto.*

17. L-Avukat tal-Istat u l-Ministru appellati jwieġbu illi dan l-aggravju huwa infondat għaliex l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tapplika wkoll fil-kawżi kostituzzjonali u għalhekk ilment mistħarreġ u deċiż mill-qrati

kostituzzjonali ma jistax jerġa jiġi mqajjem mill-ġdid, liema pożizzjoni hija mħaddna kemm mill-Qrati Maltin u kif ukoll mill-Qorti Ewropea. L-appellati jargumentaw illi meta wieħed iqabbel dawn il-proċeduri ma dawk li ġew deċiżi definittvament fis-27 ta’ April 1993 huwa evidenti li ż-żewġ proċeduri saru bejn l-istess partijiet, jinvolvu l-istess oġġett u fihom ukoll l-istess talbiet, u għalhekk il-konklużjoni tal-ewwel Qorti dwar din l-eċċezzjoni hija tajba. Isostnu illi l-fatt waħdu li l-kawża ġiet deċiża kontra l-appellant ma jfissirx illi ma jeżistix ġudikat bejn il-partijiet kif jippretendi l-appellant għaliex dan ikun imur kontra ċ-ċertezza legali u l-prinċipju li *interest rei publicae ut sit finis litium.* L-appellati jgħidu li s-sentenza tas-27 ta’ April 1993 li dwarha jilmenta l-appellant ġiet ikkonfermata saħansitra mill-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali fid-29 ta’ Ġunju 1994 u għalhekk huwa evidenti li din il-kwistjoni tinsab definittivament magħluqa u ma tistax terġa’ tiġi mistħarrga bi proċedura ġdida.

18. Is-soċjeta` appellata tirribatti illi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata għaliex mhux biżżejjed li jingħad li sentenza tkun inġusta fis-sens assolut tal-kelma sabiex il-partijiet jinħallu mill-effett tar-regola tar-*res judicata.* Skont is-soċjeta` appellata ġaladarba l-ilment tal-appellant ġie deċiż b’sentenza finali u irrevokabbli l-kontestazzjoni ma tistax terġa’ tiġi miftuħa.

19. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dan il-punt:

"L-intimati imbagħad jeċċepixxu li l-proċeduri li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrentii huma magħluqa għal dejjem bil-ġudikat maħluq permezz tas-sentenza Kostituzzjonali fl-ismijiet Raymond Sammut vs L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta et, tas-27 ta' April 1993.

"Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni, iridu jikkonkorru tlett elementi li huma: eadem personae (l-istess partijiet), eadem res (l-istess oġġett) u eadem causa petendi (l-istess mertu). Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta' Malta, deċiża fil-15 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Ġunju 2011, qalet hekk b'riferenza għal din l-eċċezzjoni:

> "Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell, sede Kummercjali, fil-kaz "**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et**", 5 ta' Novembru, 1934, "l-elementi ta' eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn listess persuni u fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eaedem personae, eaedem res, eaedem causa petendi) bhal fil-kawza l-gdida, u li l-exceptio judicati ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni". Ara "**Carmelo Said et -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi**", Appell Civili, 20 ta' Ottubru, 1958. Ta' rilevanza li jigi notat illi dawn it-tliet elementi jridu jikkoezistu flimkien ghaliex, jekk tonqos wahda minnhom, il-gudikat ma jistax jissussisti".
>
> "Fil-kawza "**Sammut vs Spiteri**", deciza mill-Qorti talAppell fl-10 ta' Ottubru, 2003, saret riferenza mill-ewwel Qorti ghal bosta decizjonijiet li enuncjaw principji li gew accettati mill-Qorti tal-Appell. Gie osservat appuntu:
>
> "Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi filgurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita' tal-motivi tal-'causa petendi'. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" – FGC. 4 ta' Gunju, 1999**).
>
> "Illi fis-sentenza "**Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine**" (Ap. 6 ta' Marzu, 1950 – XXXIV.I.74) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a cio' che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (Cesare Baldi, Manuele Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p. 818.

"L-istess inghad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingl**i' (Ap. 27 ta' April, 1953) u cioe' li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghallazzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato'** (Ap. 2 ta' Marzu, 1956 – XL. I. 65) 'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju, 1955, ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet preezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament. -Listess gie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana'** – 11 ta' Gunju, 1956 – XLB. 1. 555)

"Ta' l-istess portata hija s-sentenza '**Tarcisio Sultana vs Louis Micallef'** (A.D. 4 ta' Ottubru, 1993) fejn applikati lprincipji fuq annunzjati meta wara kawza ghall-hlas ta' xoghol ta' appalt fejn il-konvenut baqa' kontumaci, l-istess wara ghamel kawza li appalt gie esegwit hazin, u ghaddanni, u il-Qorti sostniet li la darba dak li qed jitlob l-attur setgha opponieh bhala konvenut fil-kawza l-ohra, allura cahdet it-talbiet attrici, ghaliex it-tqanqil tal-kawza odjerna 'huwa intiz biex igib bhala effett li jannulla jew jillimita l-effett tal-istess gudikat' (**Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Company Limited**).

"Hekk fil-kawza '**Joseph Vella vs Emanuel Falzon'** (Ap. 25 ta' Frar, 1997) gie ukoll affermat illi l-exceptio rei judicatae (u litis pendentia) ghandhom bhala fundament ilfatti tal-interess pubbliku u ukoll ghax 'interest rei publicae ut sit finis litium' u dan ghaliex il-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti millistess haga, u jekk il-punt kontrovers huwa l-istess hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, u dan ghaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni implic[it]ament ir-rigettazzjoni taleccezzjonijiet kollha li setghu jitqajmu ghall-istess domanda (**XXXVI.I.75**)"."

"Huwa aċċettat li din ix-xorta ta' eċċezzjoni tista' titqanqal f'kawżi quddiem din il-Qorti. Madanakollu, ġie osservat li f'każijiet partikolari, il-Qrati mhux biss jistgħu jieħdu konjizzjoni ta' dan il-prinċipju meta jirrikorri iżda addirittura jistgħu ukoll iħollu lill-partijiet mill-effetti tiegħu. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et, deċiża fl-4 ta' Lulju 2005, minn din ilQorti diversament presjeduta, ġie osservat li:

"għalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, din il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tħoll lill-partijiet mir-rabta ta' res judicata jekk dan ikun meħtieg biex tagħti rimedju kontra ksur ta' drittijiet fondamentali, dan ma għandux isir leggerment u żgur mhux qabel ma tkun ingħatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak ilksur. Allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u lfinalità ta' res judicata illi sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali. Fil-fehma ta' din il-

> qorti, sentenzi li saru res judicata għandhom jitqiesu li jiswew u li ngħataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod ieħor."

"It-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Huwa stabbilit ukoll illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata applikazzjoni restrittiva. Fir-rigward tal-element tal-eadem personae, dan l-element jissusisti għalkemm jirriżulta li flewwel proċeduri kostituzzjonali kien imħarrek ukoll ic-Chairman li ppresjeda t-Tribunal Industrijali fil-proċeduri kontestati. Li jiswa huwa li l-intimati fil-kawża tal-lum kienu wkoll intimati flewwel kawża kostituzzjonali.

"Huwa opportun li ssir riferenza wkoll għal dak li ddikjarat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet John Camilleri vs Avukat Ġenerali, deċiża fil-25 ta' Jannar 2013:

> "Illi l-identità tad-domandi fiz-zewg kawzi ma hemmx ghalfejn tkun assoluta, basta li jkun hemm identità fuq ilpunt kontrovers li fit-tieni kawza jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel kawza. Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddisksutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; ukoll, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità ta' motivi tal-causa petendi."

"Kien ukoll stabbilit illi biex res judicata tiġi eċċepita b'suċċess, jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu l-istess bħal dawk tal-każ ta' qabel. Jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi isegwi li ssentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu għar-riproposizzjoni tat-talba (Ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, sede Inferjuri, fl-ismijiet Joseph Difesa vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Vella Estates Limited vs Raymond Azzopardi et u David Theuma et vs Giuseppe Spiteri, tal-20 ta' Jannar 2016 u 2 ta' Marzu 2015 rispettivament u l-ġurisprudenza estensiva ċitata fiż-żewġ deċiżjonijiet).

"Huwa rilevanti wkoll dak li rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali filkaż ta' Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, tat-13 ta' Lulju 2018:

> "Effettivament, dak li qiegħed jgħid l-attur appellant ma huwiex illi ma hemmx res iudicata fuq it-talba tiegħu għal dikjarazzoni li, bil-fatt li ma tħalliex ikellem avukat qabel ma tteħditlu stqarrija, inkisirlu l-jedd għal smigħ xieraq, iżda illi dik ir-res iudicata għandha titħassar għax kien hemm bdil fil-ġurisprudenza.
>
> "Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-bdil fil-ġurisprudenza jolqotx ukoll ir-raġunament li wassal biex bis-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Ottubru 2012 ġew miċħuda t-talbiet tal-attur, din il-qorti tosserva illi, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, dak li hu meħtieġ biex tintlaqa' eċċezzjoni ta' res iudicata huwa li jkun hemm eadem res, eædem personæ u eadem causa petendi. L-eċċezzjoni għalhekk ma tintlaqax jekk ikun hemm bdil fil-ħaġa li tkun il-meritu tal-kawża, filpersuni li jkunu parti fil-kawża u fir-raġuni għat-talba. Bdil fil-ġurisprudenza ma hijiex raġuni għala l-

> eċċezzjoni ma tintlaqax; ma jistgħux jerġgħu jinfetħu kawżi li ilhom magħluqa għax ikun hemm bdil fil-ġurisprudenza."

"L-istess prinċipju kien gie ribadit fil-kawża ta' Matthew Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Novembru 2011 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Frar 2013 fejn intqal:

> "Il-Konvenzjoni stess tirrikonoxxi l-principju ta' res judicata, tant li l-Artikolu 35(2)(b) jipprovdi li applikazzjoni ma tigix ikkunsidrata jekk hi "substantially the same as a matter that has already been examined by the Court or has already been submitted to another procedure of international investigation or settlement and contains no relevant new information."

> "Il-fatt li l-kaz jittratta dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ma jfissirx li l-principju ta' res judicata ma japplikax. Kieku jkun mod iehor ifisser li lanqas sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg ma jsiru finali, u rikorrenti jista' jressaq proceduri godda skond kif tizviluppa l-gurisprudenza matul iz-zmien. Dan l-argument imur kontra l-finalita ta' proceduri, li l-principju ta' res judicata ghandu l-ghan li jissalvagwardja."

"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li ż-żewġ elementi ta' eadem res u eadem causa petendi wkoll huma sodisfatti u sa fejn ir-rikorrenti qiegħed jittanta jerġa jattakka l-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali dwar it-tkeċċija tiegħu abbażi ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, il-kwistjoni hija magħluqa bil-ġudikat maħluq permezz tas-sentenza kostituzzjonali tas-27 ta' April 1993. Flewwel proċeduri kostituzzjonali, ir-rikorrenti beda proceduri kontra l-Gvern, il-kumpannija li keċċietu u c-Chairman tat-Tribunal li ġġudikah u allega li huwa ma ngħatax smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali. F'dawn il-proċedura qiegħed jgħid l-istess. Aktar minn hekk, ir-rikorrenti sa anke pprova jressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti Ewropea imma ma kellux suċċess.

"Il-ġudikat jifforma ruħu mhux biss għar-rigward ta' dak li ġie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu ġie diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eċċezzjonijiet tagħha. Dan ifisser li kwalunkwe lment li kellu rrikorrenti dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal kellu jressaqha fl-ewwel proċeduri kostituzzjonali. Il-kwistjoni ma tistax terġa titqajjem quddiem din il-Qorti. L-eċċezzjoni preliminari ta' res ġudikata qiegħda għalhekk tintlaqa' sa fejn ir-rikorrenti qiegħed jilmenta minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

20. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qiegħed effettivament jargumenta illi r-regola tar-*res judicata* m'għandhiex tiġi applikata f'dawn il-proċeduri sabiex b'hekk l-ilment tiegħu dwar id-dritt għal smigħ xieraq quddiem it-Tribunal Industrijali jerġa jiġi eżaminat minkejja illi diġa` jinsab deċiz kemm permezz ta' sentenza finali ta' din il-Qorti u kemm ukoll permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Wara li rat is-sentenza appellata, din il-Qorti tqis illi r-raġunament tal-ewwel Qorti fuq dan il-punt huwa loġiku u legalment korrett u li għalhekk m'hemmx lok illi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti tiġi mibdula.

21. L-ewwel Qorti qieset sewwa illi r-regola ta' *res judicata* tapplika wkoll fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali/konvenzjonali, għalkemm f'każijiet verament eċċezzjonali l-Qorti tista' twarrab dan il-prinċipju. Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-każ preżenti ma jirriżultawx dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tagħzel illi twarrab ir-regola ta' *res judicata* u tiddetermina mill-ġdid il-proċeduri kostituzzjonali li kienu ġew intavolati mill-appellant dwar id-dritt ta' smigħ xieraq quddiem it-Tribunal Industrijali. Ir-regola ta' *res judicata* hija radikata fil-prinċipju ta' ċertezza legali u l-fiduċja illi l-pubbliku għandu jkollu fil-finali tas-sentenza, elementi fondamentali f'sistema legali fejn jirrenja l-istat tad-dritt. Huwa għalhekk indiskuss illi din ir-regola m'għandiex titwarrab leġġerment.

*22.* Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Harkins v. The United Kingdom** (QEDB, 15/06/2016) ġie spjegat mill-Qorti Ewropea illi:

> "*…the Court has adopted a more rigorous approach in applying those admissibility criteria whose object and purpose is to serve the interests of legal certainty and mark out the limits of its competence (see, for example, Sabri Güneş v. Turkey [GC], no. 27396/06, §§ 39-42, 29 June 2012 and Walker v. the United Kingdom (dec.), no. 34979/97, ECHR 2000-I, both of which concerned the application of the six-month time-limit). Limitations on the Court's competence provide legal stability by indicating to individuals and the State authorities when its supervision is or is not possible (see, for example, Sabri Güneş, cited above, § 42, and Walker, cited above), while* ***legal certainty constitutes one of the fundamental elements of the rule of law which requires, inter alia, that, where a court has finally determined an issue, its ruling should not be called into question*** *(Brumărescu, cited above, § 61). If this were not the case, the parties would not enjoy the certainty or stability of knowing that a matter had been subject to a final disposal by the Court. It is precisely for this reason that Rule 80 of the Rules of Court restricts the circumstances in which a party may seek revision of a final judgment to the discovery of a fact which might by its nature have a decisive influence and which was unknown to the Court and could not reasonably have been known to that party at the date of judgment.*
>
> *"[…] the Court cannot but conclude that the development in its jurisprudence does not constitute "relevant new information" for the purposes of Article 35 § 2 (b) of the Convention.* ***The Court's case-law is constantly evolving and if these jurisprudential developments were to permit unsuccessful applicants to reintroduce their complaints, final judgments would continually be called into question by the lodging of fresh applications.*** *This would have the consequence of undermining the strict grounds set out in Rule 80 for permitting revision of the Court's judgments (see paragraph 54 above) as well as the credibility and authority of those judgments. Moreover, the principle of legal certainty would not apply equally to both parties, as only an applicant, on the basis of subsequent jurisprudential developments, would effectively be permitted to "reopen" previously examined cases, provided that he or she were in a position to lodge a fresh application within the six-month time-limit*." [enfażi ta' din il-Qorti]

23. Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u tagħmlu tagħha. Żvilupp fil-ġurisprudenza li seħħ aktar minn għoxrin sena wara s-sentenza mogħtija fil-proċeduri intavolati mill-appellant ma jistax jitqiex

bħala ċirkostanza li tista' ragonevolment u ġustament tagħti lok sabiex titwarrab ir-regola ta' *res judicata.* Dan aktar u aktar ikkonsidrat illi l-appellant kien saħansitra ressaq ilment kontra dik is-sentenza quddiem il-Kummissjoni Ewropea u l-ilment tiegħu kien ġie dikjarat inammissibli għaliex ġie meqjus bħala "*manifestly ill-founded.*" Fil-fehma ta' din il-Qorti m'għandux ikun hemm dubbju illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jkun proprju kontra l-interess pubbliku illi titwarrab ir-regola tar-*res judicata.*

24. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

25. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti kellha ssib illi huwa sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Huwa jargumenta illi a kuntrarju ta' dak deċiż mill-ewwel Qorti, fis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **General Workers Union v. L-Avukat Ġenerali** instabet leżjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq a bażi tal-istess aspetti li fuqhom kien sejjes l-ilment kostituzzjonali oriġinali tiegħu, u cioe` l-kwistjoni tal-indipendenza tat-tribunal u l-imparzjalita` oġġettiva tal-membri tiegħu. Huwa jsostni li għandu kull dritt li ma jiġix ulterjorment diskriminat fil-każ tiegħu sempliċiment għaliex huwa kien l-ewwel wieħed li qajjem dawn il-punti, u dan speċjalment ikkonsidrat illi kieku fil-kawża tiegħu l-Qrati għamlu l-istħarriġ tagħhom bil-mod ġust l-

eżitu tal-proċeduri tiegħu kien ikun differenti għaliex il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar il-kunċett tal-imparzjalita` oġġetiva jmur lura għas-snin tmenin u għalhekk fiż-żmien li huwa preżenta l-kawża tiegħu l-liġi kienet diġa` teżigi imparzjalita` oġġettiva minn min ikun qed jiġġudika. Huwa għalhekk jikkontendi illi mhux talli ma ngħatax rimedju mill-qrati fil-kawża kostituzzjonali oriġinali tiegħu iżda talli d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż ulterjorment minħabba dan in-nuqqas. L-appellant jargumenta wkoll illi a kuntrarju ta' dak deċiż mill-ewwel Qorti, l-elementi kollha rikjesti sabiex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba kunflitt fil-ġurisprudenza huma kollha sodisfatti f'dan il-każ, għaliex fis-sistema ġudizzjarja Maltija m'għandniex mekkaniżmu li huwa intiż sabiex jevita inkonsistenzi lampanti f'deċiżjonijiet rigwardanti drittijiet fondamentali. Huwa jsostni inoltre illi m'għandux jiġi prekluż milli javvanza l-ilment tiegħu wara li l-ġurisprudenza inbidlet favur it-teżi tiegħu għaliex skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea d-drittijiet fondamentali garantiti mill-Konvenzjoni għandhom jingħataw effett prattiku u effettiv u mhux ikunu teoretiċi u illużorji.

26. L-Avukat tal-Istat u l-Ministru appellati jirribattu illi m'hemm l-ebda dritt fondamentali illi l-kawżi għandhom bilfors jiġu deċiżi l-istess u li għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant huwa infondat. L-appellati jargumentaw illi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, ġurisprudenza lokali konfliġġenti tista' eċċezzjonalment twassal għal ksur ta' dritt ta'

smigħ xieraq iżda dan biss meta jkun hemm "*profound and long-standing differences in the case-law of the domestic courts*." Jgħidu wkoll illi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ilmenti ta' din ix-xorta għandhom jiġu milqugħa b'ċerta ċirkospezzjoni għaliex il-possibilita` ta' sentenzi konfliġġenti hija "*an inherent trait of any judicial system*." Skont l-appellati dan l-aggravju ma jistax jirnexxi peress illi f'dan il-każ ma jirriżultax illi s-sentenza li dwarha jilmenta l-appellant tbegħdet minn ġurisprudenza stabbilita u illi dik il-ġurisprudenza kienet waħda dewwiema għal tul ta' żmien. Dan għaliex, skont l-appellati, is-sentenza li dwarha jilmenta l-appellant kienet l-ewwel waħda li qatt ingħatat fuq il-kwistjoni u għaldaqstant żgur li ma kinitx qed tmur kontra ġurisprudenza stabbilita. Isostnu illi m'huwiex ir-rwol ta' dawn il-Qrati illi jirrevedu żbalji mwettqa minn qrati oħra għaliex inkella jkunu qed jaġixxu ta' qrati tat-tielet jew raba' istanza, u huwa proprju dan li qed jitlob l-appellant. Jargumentaw illi fi kwalunkwe każ, a kuntrarju ta' dak sottomess mill-appellant, is-sentenza li ngħatat fil-proċeduri intavolati minnu ma tmurx kontra dik mogħtija fil-proċeduri intavolati mill-Generali Workers Union għaliex l-ewwel nett il-liġi applikabbli kienet differenti u t-tieni nett għaliex fil-kawża tal-aħħar ma nstab l-ebda ksur dwar is-*security of tenure* tal-membri li jpoġġu fuq it-Tribunal Industrijali, u li fi kwalunkwe każ huwa ċar li s-sentenza mogħtija fil-proċeduri inizjati mill-appellant kienet imsejsa fuq raġunijiet ġusti u tajba kkonsidrat li kienet ġiet ikkonfermata minn

sentenza mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

27. Is-soċjeta` appellata ma ressqet l-ebda argument fir-rigward ta' dan l-aggravju.

28. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dan il-punt:

> "Il-Qorti tqis illi qabel kollox għandu jiġi ritenut li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li tezercita funzjoni ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra.
>
> "Ir-rikorrenti jilmenta għaliex fil-konfront tiegħu l-Qorti Kostituzzjonali ma sabet l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq abbażi ta' nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tat-Tribunal Industrijali, imbagħad, tnejn u għoxrin sena wara, l-istess Qorti sabet li ma kienux jeżistu dawk il-garanziji li jassiguraw tali imparzjalità u indipendenza tat-Tribunal.
>
> "Il-prinċipji li jirregolaw il-kunċett taċ-ċertezza legali ġew elenkati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Stephan Bonnici vs Avukat Generali, tal-25 ta' Jannar 2013:
>
>> "In tema legali, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghallprincipji legali affermati fis-sentenza Allbu and others v. Romania, tikkunsidra opportun li telenka dawk il-principji relevanti ghall-kaz in dizamina kif evolvew mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea:
>>
>> "[a] Il-possibbilità ta' decizjonijiet konfliggenti hija "an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the areas of their jurisidiction"; u li "Such divergencies may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention." Inoltre, dawn ilkonflitti fid-decizjonijiet jistghu javveraw ruhhom anke flistess qorti ta' appell.
>>
>> [b] "The right to a fair trial must be interpreted in the light of the Preamble of the Convention, which declares the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. Now one of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in

the judicial system whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law.

“[c] Wiehed mill-kriterji, anzi l-kriterju ewlieni, addottat mill-Qorti Ewropea sabiex jigi determinat jekk decizjonijiet konfliggenti fil-qrati domestici jwasslux ghal ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq, huwa l-ezistena o meno ta’ “profound and long-standing differences” fil-kazistika ta’ dawk il-qrati; u fil-kaz affirmattiv, allura dik il-Qorti tghaddi sabiex tistabbilixxi jekk hemmx il-htiega ta’ ligi domestika biex tipprovdix makkinarju sabiex jigu superati dawn linkonsistenzi.

[d] “The requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of caselaw.[see Unedik vs France no, 20153/04 para 74, 18 December 2008] Caselaw development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform of improvement [see Atanasovski v The Former Yougoslav Republic of Macedonia, no 36815/03 para.38, 14 ta’ Jannar 2010].

“Fil-kawza Scoppola vs Italy ... gie osservat li:

““..in any system of law, however clearly drafted a legal provision may be, including a criminal law provision, there is an inevitable element of judicial interpretation. There will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changing circumstances. Again, whilst certainty is highly desirable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must be able to keep pace with changing circumstances……….Moreover, it is firmly established part of the legal tradtion of the States party to the Convention that case-law, as one of the sources of law, necessarily contributes to the gradual development of the criminal law [see Kruslin v France, 24 April 1990 para.29…]

“[e] “The Court does not intend to act as a mechanism for reviewing case conflicts and inconsistencies; divergencies will largely be acceptable as part of the inevitable evolution of case-law and the offshoot of overlapping jurisdictions as long as the proceedings in issue before the Court itself disclose no arbitrariness.”

“Dan jinsab konfermat mill-Qorti Ewropea fil-kawza Allbu fuq citat fejn osservat li “Likewise, it is not its’ function save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings as the independence of those courts must be respected [see Admsons v Latvia no 3669/03 para.118, 24 June 2008].”

“Fil-każ ta’ Lupeni Catholic Parish and Others vs Romania, tad29 ta’ Novembru 2016, il-Qorti Ewropea irriteniet:

“The Court refers at the outset to its judgment in the case of Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey ([GC], no. 13279/05, §§ 49-58 and 61, 20 October 2011), in which it set out the principles applicable to cases concerning conflicting decisions in the case-law. These

principles, which pertain to Article 6 § 1 of the Convention, may be summarised as follows:

“(a) In this type of case, the Court’s assessment has always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see Nejdet Sahin and Perihan Sahin, cited above, § 56). This principle guarantees a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Hayati Çelebi and Others v. Turkey, no. 582/05, § 52, 9 February 2016, and Ferreira Santos Pardal v. Portugal, no. 30123/10, § 42, 30 July 2015).

“(b) However, the possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see Nejdet Sahin and Perihan Sahin, cited above, § 51, and Albu and Others v. Romania, nos. 34796/09 and sixty-three other applications, § 34, 10 May 2012).

“(c) The requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law. Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Nejdet Sahin and Perihan Sahin, cited above, § 58, and Albu and Others, cited above, § 34).

“(d) It is not in principle the Court’s function to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings; it must respect the independence of those courts. Equally, giving two disputes different treatment cannot be considered to give rise to conflicting case-law when this is justified by a difference in the factual situations at issue (see Hayati Çelebi and Others, cited above, § 52, and Ferreira Santos Pardal, cited above, § 42).

“(e) The criteria which guide the Court in its assessment of the circumstances in which contradictory decisions by different domestic courts ruling at final instance entail a violation of the right to a fair hearing, enshrined in Article 6 § 1 of the Convention, consist in establishing, firstly, whether “profound and long-standing differences” exist in the case-law of the domestic courts; secondly, whether the domestic law provides for a mechanism for overcoming these inconsistencies; and, thirdly, whether that mechanism has been applied and, if appropriate, to what effect (see Nejdet Sahin and Perihan Sahin, cited above, § 53; Hayati Çelebi and Others, cited above, § 52; and Ferreira Santos Pardal, cited above, § 42).”

"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, jirriżulta li dwar l-ilment ta' nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tat-Tribunal, fil-każ tar-rikorrenti il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

> "It-Tribunal Industrijali, fil-każ ta' l-appellant kien kompost minn "Chairman" waħdu, skond l-art. 26(3) Kap. 266. Dan kien l-intimat Carmel Debono.
>
> "Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant, illi lindipendenza tat-Tribunal tiddependi mis-"security of tenure" tal-ġudikant. Dan huwa fattur li jrid jiġi kkonsiderat fil-każijiet kongruwi, per eżempju, meta waħda mill-partijiet tkun l-istess awtorità li għandha s-setgħa li tinnomina jew tneħħi lill-ġudikant, però, ċertament, fil-każ preżenti, dan mhuwiex fattur deċiżiv, kif jippretendi lappellant, Carmel Debono bl-ebda mod ma ġie ppruvat li kien f'sitwazzjoni jew setgħa b'xi mod, jirċievi istruzzjonijiet, jew, anke jekk ma jirċevihomx, kien jista' eventwalment ibati konsegwenzi, jekk indirettament ma josservax xi istruzzjoni li seta' jkun jaf biha. Dawn huma l-elementi li jridu jiġu eżaminati fil-kuntest tal-indipendenza ta' tribunal (...) Provi konkreti, jew almenu serjament induttivi, iridu jsiru fuq dawn l-elementi biex jiġi stabbilit jekk tribunal huwiex indipendenti jew le (...)
>
> "Fil-każ preżenti – ebda prova rilevanti għal dan il-punt ma saret mill-appellant, billi huwa strah fuq osservazzjonijiet akkademiċi jew astratti u għalhekk anke din l-allegata vjolazzjoni ma tirriżultax li hija ammissibli."

"Dwar il-kwistjoni tal-indipendenza u imparzjalità tat-Tribunal Industrijali, fil-każ tal-General Workers Union, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "Meqjusa dawn il-fatturi kollha, l-Qorti tirrileva li l-fatt li ġudikant ikun maħtur mill-Gvern fih innifsu ma jfissirx li meta jkun qed jikkunsidra kwistjonijiet li jinvolvu l-Gvern dan se jagħti lok għal nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza. Il-fatt waħdu li t-Tribunal Industrijali huwa magħmul minn persuni maħtura mill-Gvern ma jfissirx li awtomatikament ser jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq meta individwu ikun ivolut f'każ kontra l-Gvern, però dan dejjem sakemm jeżistu dawk il-garanziji li jassiguraw tali imparzjalità u indipendenza tat-Tribunal. Din il-Qorti hija tal-fehma li meta wieħed iqis fatturi bħall-mod kif iċchairpersons u l-membri jistgħu jitneħħew tant faċilment mill-Ministru jew Prim Ministru (skont il-każ), ir-rekwiżit tal-membru maħtur ad hoc biex jirrappreżenta l-interess tal-Gvern fir-rigward ta' dawk il-każi li jsemmi l-Artikolu 73(5), u l-pariri li irriżulta li qed jingħataw wara l-kwinti u li dwarhom il-parti konċernata ma tistax tikkummenta, lindipendenza u l-imparzjalità tat-Tribunal Industrijali mhux talli ma jidhirx li qegħdin jiġu garantiti, talli invece qegħdin jitpoġġew fid-dubju u għalhekk qed jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 39(2) talKostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tadDrittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem."

"Wara li fliet bir-reqqa dawn iż-żewġ deċiżjonijiet kif ukoll il-ġurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, din il-Qorti tasal għal fehma li ma jeżistux l-elementi sabiex tikkonfigura l-leżjoni ta'

> dritt għal smigħ xieraq minħabba żewġ sentenzi konfliġġenti, kemm għax ma ġietx ipprovata li kien hemm każistika long-standing dwar il-punt legali, kif ukoll għaliex it-tibdil fil-posizzjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali ma kienx wieħed arbitrarju.
>
> "Fil-kawża kostituzzjonali li kien għamel ir-rikorrenti, dik il-Qorti qieset illi r-rikorrenti ma pprovax it-teżi tiegħu li seta' kien hemm xi indħil minħabba l-familjarità taċ-Chairman tatTribunal mal-Gvern. Fil-kawża tal-General Workers Union, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi ma kienx hemm biżżejjed garanziji sabiex tiġi żgurata l-indipendenza u imparzjalità tat-Tribunal.
>
> "Madanakollu, ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali li kawżi jiġu deċiżi dejjem bl-istess mod. Ġurisprudenza konfliġġenti tista' twassal għall-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq biss eċċezzjonalment. Fil-kaz tal-lum, jirriżulta li s-sentenza tar-rikorrenti kienet l-ewwel deċiżjoni ta' din ix-xorta. Aktar minn tnejn u għoxrin sena wara, ingħatat is-sentenza tal-General Workers Union. Il-ġurisprudenza hija xi ħaġa ħajja li tiżviluppa kontinwament u b'daqshekk biss ma jfissirx illi seħħet leżjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

29. Il-Qorti tibda billi tfakkar illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'humiex qrati tat-tielet jew raba' istanza u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas ma kien il-kompitu tal-ewwel Qorti, illi tiddetermina jekk is-sentenza mogħtija fil-proċeduri kostituzzjonali oriġinarjament intavolati mill-appellant hijiex korretta fis-sustanza tagħha kif donnu jippretendi l-appellant. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **J.E.M. Investments Limited v. L-Avukat Generali** (Kost., 30/09/2011):

> "(...)id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le,

> izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.”

30. Dan il-kunċett huwa wkoll abbraċċjat mill-Qorti Ewropea. Fil-fatt, l-awturi Jacobs u White jsostnu illi:

> “*The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court’s task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.* (…)
>
> *“The Court calls this principle the ‘fourth instance’ doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6*.”[3]

31. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali hija meta l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tas-sentenza impunjata kienu *“flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention*.”[4] Din il-Qorti fil-fatt diġa` kellha l-opportunita` li tirrileva illi l-kompitu tagħha '...huwa, fejn in-natura tal-każ hekk tirrikjedi, li tara jekk id-deċiżjoni kinitx “arbitrary or manifestly unreasonable.”[5] Pero`, l-ilment tal-appellant m’huwiex illi d-deċiżjoni kienet arbitrarja jew manifestament irraġjonevoli iżda huwa limitat biss għad-diverġenza fl-eżitu bejn il-kawża

---

[3] Jacobs and White, *The European Convention on Human Rights*, pg. 140.
[4] **Sisojeva and Others v. Latvia** (QEDB, 15/01/2007).
[5] **Carmel Joseph Farrugia v. Avukat Ġenerali** (Kost., 5/04/2013).

intavolata minnu u dik sussegwentement intavolata mill-General Workers Union numru ta' snin wara, u għaldaqstant il-Qorti ma tistax tidħol f'dan il-punt. Detto dan, il-Qorti tirrileva *obiter* illi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri kostituzzjonali intavolati mill-appellant kienet giet ikkonfermata mill-Kummissjoni Ewropea, illi kienet tal-opinjoni illi tant kien evidenti illi l-appellant ma kellux raġun fil-mertu anke mad-daqqa t'għajn illi ddikjarat l-applikazzjoni tiegħu inammissibli. Fil-fehma tal-Qorti dan jikkonferma n-nuqqas ta' arbitrarjeta u irragonevolezza tas-sentenza illi dwarha jilmenta l-appellant.

32. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti u l-argument tal-appellati illi fil-liġi m'hemm l-ebda dritt fondamentali illi l-ġurisprudenza tal-Qrati ma tinbidel qatt u li l-kawżi bilfors għandhom jiġu deċiżi l-istess. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-ġurisprudenza hija strument ħaj, u ma' dan din il-Qorti żżid illi huwa naturali u anzi desiderabbli illi l-ġurisprudenza tevolvi sabiex tirrifletti r-realtajiet u normi legali, soċjali u kulturali illi jkunu wkoll evolvew u inbidlu bit-trapass taż-żmien. Huwa minnu illi jinsab ritenut illi tibdil fil-ġurisprudenza jista' jissarraf fi ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq peress illi jippekka kontra l-priniċipju ta' ċertezza legali li huwa fondamentali f'sistema legali fejn tirrenja l-istat tad-dritt. Pero` l-punt ta' partenza sabiex bdil fil-ġurisprudenza jista' jitqies illi jkun ikasbar id-dritt ta' smigħ xieraq huwa illi jkunu jeżistu "*profound and long-standing variations*" fil-ġurisprudenza kif sewwa jsostnu l-appellati fir-

risposta tagħhom.[6] Huwa biss wara li jiġi stabbilit illi jeżistu tali "*profound and long-standing variations"* fil-ġurisprudenza illi mbagħad ikun jeħtieġ li jiġi determinat jekk is-sistema legali tpoggix fis-seħħ mekkaniżmu li jista' jsolvi tali differenzi kif imsemmi mill-appellant. Fil-każ in eżami dawn il-"*profound and long-standing variations*" ma jeżistux. Is-sentenza mogħtija fis-27 ta' April 1993 fil-kawża intavolata mill-appellant kienet l-ewwel waħda fejn sar ilment dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` tat-Tribunal Industrijali. Il-konklużjoni mogħtija f'dik is-sentenza mbagħad ma ġietx segwita f'sentenza mogħtija fit-18 ta' Gunju 2015, u cioe` aktar minn għoxrin sena wara, u m'hemm l-ebda prova illi bejn l-1993 u l-2015 kien hemm xi varjazzjonijiet fil-ġurisprudenza rilevanti. Għalhekk dan m'huwiex każ ta' "*profound and long-standing variations"* fil-ġurisprudenza, iżda huwa każ ta' żvilupp fil-ġurisprudenza li ma jistax jissarraf fi ksur ta' drittijiet fondamentali. Huwa car għalhekk illi l-ewwel element li jeħtieg li jiġi pruvat sabiex jiġi ddeterminat illi bdil fil-ġurisprudenza kien leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq huwa *ictu oculi* mhux sodisfatt f'din il-kawża. Minn dan isegwi illi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

33. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qiegħed jiġi miċħud.

---

[6] Ara per ezempju **Tudor Tudor v. Romania** (QEDB, 24/06/2009); **Vrabec and Others v. Slovakia** (QEDB, 26/03/2013); **Celebi and others v. Turkey** (QEDB, 09/02/2016); **Bradateanu and Others v. Romania** (QEDB, 11/02/2020).

**Ir-Raba` Aggravju**

34. L-appellant jilmenta kontra l-konklużjoni tal-ewwel Qorti illi huwa ma sofriex ksur tad-dritt fondamentali tiegħu li ma jiġix suġġett għal trattament diskriminatorju. Huwa jargumenta d-differenza fl-eżitu taż-żewġ proċeduri msemmija, tikkostitwixxi l-element diskriminatorju inġustifikat ai fini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-appellant isostni illi kwistjoni identika għal dik sollevata minnu ġiet deċiża b'mod dijametrikament oppost minħabba ċirkostanzi marbutin mal-persuna tiegħu li dak iż-żmien kien jaħdem barra minn Malta u in vista tal-liġi viġenti kien prekluż milli jkun rappreżentat mill-avukat tiegħu almenu fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Jargumenta illi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea d-diskriminazzjoni tista' tkun naxxenti minn fatturi oħra oltre dawk espressament indikati fl-artikolu. Huwa jsostni illi s-sentenza appellata bl-ebda mod ma twieġeb id-domanda għalfejn ħadd ma kien ta widen għall-ilment tiegħu, iżda mbagħad meta xi ħadd ieħor ressaq l-istess ilment dan ġie kkonsidrat bħala wieħed mistħoqq. Jargumenta li d-diskriminazzjoni kontra tiegħu tirriżulta wkoll mill-fatt li għas-sempliċi raġuni li huwa kien diġa` ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qrati Maltin, l-Istat Malti qiegħed issa jipprova jipprekludih milli jikseb ir-rimedju spettanti lilu, u li huwa evidentement diskriminatorju li persuni oħra jistgħu jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Qrati iżda hu le.

35. L-Avukat tal-Istat u l-Ministru appellati jirribattu illi kif tajjeb indikat mill-ewwel Qorti, l-appellant ma rabatx l-ilment tiegħu ma' xi wieħed mill-motivi elenkati fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u dan in-nuqqas għandu jwassal minnufih għaċ-ċaħda tat-talbiet tal-appellant peress illi huwa tassattivament mitlub illi l-ilment jiġi marbut ma' xi waħda mill-kawżali ndikati f'dan l-artikolu. Fir-rigward tal-ilment relattiv għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-appellati jargumentaw illi l-appellant ma rabatx l-ilment tiegħu ma' xi dritt sostantiv ieħor u għalhekk dan diġa` huwa biżżejjed sabiex l-ilment tiegħu a bażi ta' dan l-artikolu jiġi miċħud. Isostnu li fi kwalunkwe każ dan l-aggravju huwa infondat għaliex ma ġiet allegata l-ebda diskriminazzjoni għal raġuni ta' *status* kif mitlub sabiex ikun hemm ksur ta' dan l-artikolu kkonsidrat illi l-allegat trattament diskriminatorju m'huwiex imsejjes fuq xi kawżali ta' *status* bħala karatteristika personali tiegħu. Jargumentaw fir-rigward kemm tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni illi l-appellant ma provda l-ebda ħjiel ta' trattament diskriminatorju minkejja illi l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward jinkombi fuqu u dan apparti illi l-appellant ma jistax iqabbel il-każ tiegħu ma dak intavolat mill-General Workers Union għaliex iċ-ċirkostanzi, il-partijiet u anke l-liġi ma kinux l-istess.

36. Is-soċjeta` appellata ma ressqet l-ebda argument f'dan ir-rigward.

37. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Ir-rikorrenti jinvoka l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għaliex jgħid li ġie diskriminat meta fil-kawża tal-General Workers Union ġie deċiż li l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali ma tiggarantix l-indipendenza u imparzjalità tal-istess Tribunal, imma huwa ma rnexxilux jikseb din id-dikjarazzjoni fil-kawża tiegħu.
>
> "L-artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li 'ebda liġi ma ghandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.' Is-subartikolu (3) jitlob li lilment ikun abbinat ma' wieħed mill-elementi li jagħmlu ddiskriminazzjoni:
>
> "F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità talġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn."
>
> "Il-każ tal-lum ma jinkwadra ruħu taħt l-ebda wieħed minn dawn il-kriterji. Konsegwentement, ma hemmx ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.
>
> "L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:
>
>> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din ilKonvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħal ma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."
>
> "Kif ġie elaborat fil-każ Abdaluziz and Others v. United Kingdom, tat-28 ta' Mejju 1985, fost oħrajn:
>
>> "Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."
>
> "Fil-każ ta' Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Ġunju 2011 intqal li:

> "Mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' status iehor."

> "Ir-rikorrenti naqas milli juri fuq liema bażi qiegħed jippretendi li ġie diskriminat. Biex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni, irid jibbaża din l-allegazzjoni fuq xi status partikolari. Ladarba kif diġa rajna ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali li jiprojbixxi żvilupp fil-ġurisprudenza, ċertament li ma seħħet l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti kif maħsub fil-Konvenzjoni Ewropea."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

38. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju tal-appellant huwa manifestament fierагħ u vessatorju. Skont l-appellant il-fatt waħdu li ngħataw żewġ sentenzi dijametrikament opposti jikkostitwixxi diskriminazzjoni inġustifikata. Pero` l-appellant reġa' naqas milli jiddentifika fuq liema bażi projbita mill-Kostituzzjoni huwa allegatament garrab diskriminazzjoni kontrih. Kif deċiz mill-ewwel Qorti, sabiex aġir diskriminatorju jkun jippekka kontra l-Kostituzzjoni, irid ikun ibbażat fuq motivi projbiti mill-Kostituzzjoni, bħal per eżempju r-razza jew ir-reliġjon tal-individwu. Ġaladarba l-appellant naqas milli jiddentifika fuq liema bażi projbita mill-Kostituzzjoni huwa ġie allegatament diskriminat, l-ilment tiegħu relattiv għall-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni huwa manifestament infondat.

39. Huwa minnu mbagħad illi l-Konvenzjoni Ewropea tistabilixxi bażi aktar wiesgħa mill-Kostituzzjoni fir-rigward tal-motivi projbiti, u dan billi l-

istess Konvenzjoni tipprojbixxi diskriminazzjoni bbażata fuq “*any other status*.” Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea l-lista ta’ motivi projbiti li jissemmew fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni hija waħda ndikattiva u mhux eżawrjenti.[7] L-appellant isostni illi huwa ġie diskriminat minħabba ċirkostanzi marbutin mal-persuna tiegħu li dak iż-żmien kien jaħdem barra minn Malta u in vista tal-liġi viġenti kien prekluż milli jkun rappreżentat mill-avukat tiegħu almenu fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Qorti tibda billi tinnota illi l-kwistjoni dwar rappreżentanza legali hija evidentement irrilevanti għal dan l-ilment. Huwa minnu illi skont il-liġi viġenti dak iż-żmien l-appellant ma kellux dritt għal rappreżentenza legali quddiem it-Tribunal Industrijali, iżda huwa fil-fatt kellu dritt illi jkun rappreżentat minn avukat tal-fiduċja tiegħu fil-proċeduri kostituzzjonali, u anzi kellu wkoll id-dritt għal għajnuna legali jekk kien jikkwalifika skont it-test tal-mezzi stabbiliti fil-liġi. L-appellant qiegħed jikkontendi illi huwa ġie diskriminat in vista tal-eżitu differenti tal-proċeduri kostituzzjonali u mhux in vista tal-eżitu tal-proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali, u għalhekk m’huwiex rilevanti għal finijet ta’ dan l-ilment jekk huwa kienx rappreżentat minn avukat quddiem it-Tribunal Industrijali jew le. Fi kwalunkwe kaz, in-nuqqas ta’ dritt ta’ rappreżentanza legali quddiem it-Tribunal Industrijali kienet restrizzjoni imposta mill-liġi u applikabbli b’mod ġenerali, u għalhekk huwa car illi ma tistax titqies illi kienet diskriminatorja fil-konfront tal-appellant minħabba xi *status* tiegħu. Fir-rigward tal-

[7] Ara, *inter alia,* **Clift v. The United Kingdom** (QEDB, 13/07/2010); **Engel and others v. The Netherlands** (QEDB, 08/06/1976)

argument tiegħu illi huwa ġie diskriminat għaliex kien jirrisjedi u jaħdem barra minn Malta, il-Qorti tagħraf illi l-appellant ma ressaq l-ebda prova illi tista' twassal lil Qorti sabiex tikkonkludi illi fil-proċeduri kostituzzjonali preżentati minnu l-fatt li huwa kien jirrisjedi u/jew jaħdem barra minn Malta kienet kwistjoni li ttieħdet qies mill-Qorti meta waslet għad-deċiżjoni tagħha, u wisq anqas illi din wasslet lil Qorti sabiex tiddiskrimina kontra tiegħu. Mill-provi jirriżulta illi fil-proċeduri kostituzzjonali oriġinali preżentati mill-appellant il-Qorti eżaminat l-ilment tiegħu u ħadet in konsiderazzjoni ir-rappreżentazzjonijiet magħmula minnu, u fl-ebda hin ma ssemma l-fatt illi huwa kien jgħix jew jaħdem barra minn Malta. Għalhekk huwa ċar li dan l-argument huwa manifestament infondat.

40. Daqstant ieħor huwa manifestament infondat l-argument tal-appellant illi huwa ġie diskriminat għaliex l-Istat Malti qiegħed issa jipprova jipprekludih milli jikseb ir-rimedju spettanti lilu għaliex huwa kien diġa` ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qrati Maltin, u li huwa diskriminatorju li persuni oħra jistgħu jressqu ilment fir-rigward tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali iżda hu le. Huwa indiskuss illi l-appellant huwa prekluż milli jerġa jressaq ilment fil-konfront tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' *res judicata,* minħabba illi huwa diġa` proprju ressaq tali ilment, liema ilment jinsab deċiż mhux biss permezz ta' sentenza finali ta' din il-Qorti, iżda wkoll permezz ta' sentenza tal-Kummissjoni Ewropea. Fi kliem ieħor, l-

appellant huwa prekluż milli jressaq ilment mill-ġdid dwar il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali huwa dovut għall-applikazzjoni ta' regola legali oġġettiva radikata fl-interess pubbliku u l-istat ta' dritt, li hija applikabbli fir-rigward ta' kull individwu fl-istess pożizzjoni tal-appellant u kompletament indipendenti mill-appellant u s-sitwazzjoni tiegħu. Il-fatt waħdu illi hemm persuni li jistgħu jressqu ilment kostituzzjonali/konvenzjonali dwar il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali ma jfissirx awtomatikament illi l-appellant qiegħed jiġi diskriminat. L-appellant kien jeħtieġlu jipprova, *inter alia,* illi huwa ġie trattat b'mod differenti minn persuni f'sitwazzjoni komparabbli sabiex ikun jista' jingħad illi huwa sofra trattament diskriminatorju. Sabiex persuna titqies li tinsab f'sitwazzjoni komparabbli, jeħtieġ illi dik il-persuna tkun ukoll diġa` suġġetta għal sentenza finali fir-rigward ta' ilment dwar smigħ xieraq minħabba l-proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali. L-appellant ma ressaq l-ebda prova illi xi persuna jew persuni li diġa` kellhom tali sentenza ingħataw l-opportunita` illi jressqu l-istess ilment mill-ġdid wara s-sentenza mogħtija fil-proċeduri intavolati mill-General Workers Union, u għalhekk ma jirriżultax illi huwa ġie trattat b'mod differenti minn persuni li kienu jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli. Dan mhux kaz ta' '*like with like*' ghax fil-kaz tieghu gia hemm ir-*res judicata.*

41. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud stante li huwa manifestament fieragħ u vessatorju.

**Il-kap tal-ispejjez**

42. Peress illi s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata *in toto* huwa car li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jkun hemm reviżjoni fil-kap tal-ispejjeż kif jikkontendi l-appellant. Huwa minnu li hemm ċirkostanzi fejn jista' jkun hemm temperament tal-ispejjeż, izda kien jinkombi fuq l-appellant illi juri, ġaladarba hekk qed jippretendi, illi jeżistu ċ-ċirkostanzi rikjesti sabiex isir temperament fil-kap tal-ispejjeż. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant fuq il-kap tal-ispejjeż qiegħed ukoll jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur, bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm